

# News Releases

Home » L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali (IPPI): Mejju tal-2023

Punti ewlenin | Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija

# L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali (IPPI): Mejju tal-2023

NR112/2023 Data tal-Ħruġ: 28 ta' Ġunju 2023 Data tal-Għeluq: 23 ta' Ġunju 2023

*F'Mejju tal-2023, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali rreġistra żjieda ta' 4.1 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar tal-2022.*



**Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Meta mqabbel ma' Mejju 2022, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali tela' b'4.1 fil-mija. Żjidiet fil-prezzijiet kienu rreġistrati fl-oġġetti tal-konsum (8.3 fil-mija), fl-oġġetti kapitali (4.5 fil-mija) u fl-oġġetti intermedji (2.3 fil-mija). Ma kienx hemm tibdil fil-prezzijiet tal-qasam tal-enerġija.

Il-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali għas-suq domestiku żdiedu bi 2.0 fil-mija. Żjidiet fil-prezz dehru fl-oġġetti tal-konsum (6.4 fil-mija), u fl-oġġetti kapitali (2.6 fil-mija). Mill-banda l-oħra, l-oġġetti intermedji naqsu b'1.1 fil-mija.

Il-prezzijiet mhux domestiċi żdiedu b'5.5 fil-mija. Hawnhekk, il-prezzijiet tal-oġġetti maħsuba għaż-Żona mhux tal-Ewro telgħu b'6.3 fil-mija, filwaqt li ta' dawk maħsuba għaż-Żona Ewro telgħu b'4.0 fil-mija (Tabella nru 2).

**Tqabbil max–xahar ta' qabel**

F'Mejju tal-2023, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali naqas b'0.3 fil-mija meta mqabbel ma' April tal-2023. L-oġġetti intermedji u l-oġġetti kapitali naqsu b'0.7 fil-mija u b'0.6 fil-mija rispettivament. Min-naħa l-oħra, l-oġġetti tal-konsum telgħu b'0.4 fil-mija. Ma kienx hemm tibdil fil-prezzijiet tal-qasam tal-enerġija.

Il-prezzijiet tas-suq domestiku telgħu b'0.4 fil-mija minħabba żjidiet ta' 1.2 fil-mija fl-oġġetti tal-konsum. Ma kienx hemm tibdil fil-prezzijiet fl-oġġetti kapitali jew fl-oġġetti intermedji.

Il-prezzijiet mhux domestiċi naqsu b'0.7 fil-mija. Il-prezzijiet tal-oġġetti maħsuba għaż-Żona mhux tal-Ewro naqsu b'0.7 fil-mija, filwaqt li ta' dawk maħsuba għaż-Żona Ewro naqsu b'0.6 fil-mija (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali

(2015=100) għall-industrija kollha

